

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1085/2015-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn La Rural Viñedos y Bodegas u Enoitalia.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Enoitalia SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 419, 14.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – Europa Terra Nostra vs Il-Parlament

(Kawża T-13/17) ⁽¹⁾

(“Dritt istituzzjonali — Parlament Ewropew — Deċiżjoni li tagħti sussidju lil fondazzjoni politika — Prefinanzjament iffissat għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju mogħti — Obbligu li tipprovdi garanzija bankarja ta' prefinanzjament — Regolament Finanzjarju — Regoli li jimplementaw ir-Regolament Finanzjarju — Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew — Proporzjonalità — Użu ħażin ta' poter”)

(2018/C 301/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Europa Terra Nostra eV (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz, C. Burgos u S. Alves, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew FINS-2017-30 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar l-għoti ta' sussidju lir-rikorrenti, sa fejn din id-deċiżjoni tillimita l-prefinanzjament għal 33 % tal-ammont massimu tas-sussidju u tissuġġetta dan il-ħlas għall-provvista ta' garanzija bankarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Europa Terra Nostra eV hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 27.2.2017.